MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 83/2008

**Mary Fortunata mart Teddy Refalo**

Vs

**Michael, Joseph u b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2008 l-Avukat Dottor Kevin Mompalao gie mahtur kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil Joseph Attard li siefer fil-mori tal-kawza, Mary Carmen mart Joseph Buttigieg, Yvonne mart Julian sive Gino Attard, Jane mart Emanuel Buttigieg, u b'digriet ta' 24 ta' Lulju 2008 li stess Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Rose Xerri, Mario Victor, u Marianne**

**Sultana lkoll ahwa Attard, u b'digriet tat-30 t'Ottubru 2008 gew kjamati fil-kawza Christine, Clive u Claire ahwa Refalo, u b'nota tal-15 t'April 2009 Dr Kevin Mompalao assuma l-atti tal-kawza ghan-nom ta' l-imsefrin Rose Xerri, Mario Victor Attard, Joseph Attard u Marianne Sultana, u b'digriet tat-3 ta' Settembru 2012 gew kjamati fil-kawza Theresa mart Michael Attard u Joseph Buttigieg u b'digriet tal-15 ta' Marzu 2013 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Alan, Gilbert, Donald u Noel ahwa Buttigieg stante l-mewt ta' Joseph Buttigieg fil-mori tal-kawza, u b'digriet tal-5 ta' Novembru 2013 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Victor Sultana, Mark Edward Sultana u Vicky Anne Sultana stante l-mewt ta' Mary Anne Sultana fil-mori tal-kawza, u bl-istess digriet Dr Kevin Mompalao gie kkonfermat kuratur deputat taghhom stante li huma assenti minn dawn il-Gzejjer.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat li jaqra hekk:

1. Illi fl-24 ta' Novembru 1985 miet fix-Xaghra, Ghawdex Victor Emmanuel Attard (Dok A) b'testment 'unica carta' ma' martu Helen nee' Zammit fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-21 ta' Mejju 1980 (Dok B) u halla jissopravivuh lid-disa' uliedu Mary Carmen mart Joe Buttigieg, Michael, Maryanne mart Victor Sultana, Joseph, Jane mart Emmanuel Buttigieg, Mary Fortunata mart Teddy Refalo, Yvonne mart Gino Attard, Victor u Rose mart Carmel Xerri ahwa kontendenti f'din il-kawza;

2. Illi fil-15 ta' Frar 2008 mietet f'Victoria Ghawdex Helen armla ta' Victor Emmanuel Attard, fuq imsemmi bi erba' (4) testmenti, u cioe' dak 'unica carta' mal-mejjet fuq imsemmi, l-iehor fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-20 ta' Novembru 2000 (Dok D), iehor fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tal-31 ta' Ottubru 2003 (Dok E), u l-iehor sigriet tat-23 ta' Lulju 2005 miftuh min-Nutar Kristen Dimech fl-24 ta' Gunju 2008 (Dok F) u halliet jissopravvivuha lid-disa' uliedha 'l fuq imsemmija ahwa Attard kontendenti f'din il-kawza;

3. Illi fl-ahhar testment taghha, u cioe' dak maghmul sigriet tat-23 ta' Lulju 2005, l-imsemmija Helen Attard, iddezeredat lill-attrici ghar-ragunijiet imsemmija fl-imsemmi testment;

4. Illi r-ragunijiet moghtija mit-testatrici fl-imsemmi testment m'humiex legali, u fi kwalunkwe kaz m'humiex veritiera anzi maghmulin specifikament fl-intenzjoni li jigu evazi id-drittijiet legittimarji tal-attrici fil-konfront tal-wirt ta' ommha l-imsemmija Helen Attard.

5. Illi permezz ta' nota pprezentata fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja fil-Gzira t'Ghawdex fis-27 ta' Gunju 2008 (Dok G) l-attrici, irrinunzjat ghall-wirt u successjoni t'ommha l-imsemmija Helen Attard, izda zammet ferm id-drittijiet taghha ghall-jedd tal-legittima jew sehem iehor dovut lilha skont il-ligi.

6. Illi bit-tieni artikolu tat-testment taghha in atti Nutar Dottor Paul George Pisani tal-31 ta' Ottubru 2003 (Dok E) l-imsemmija Helen Attard iddikjarat li b'att tal-istess nutar tal-istess gurnata bieghet bicca art maghrufa bhala 'Ta' l-Gherejjex' f'Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex lil binha Michael Attard u martu Theresa Attard, u lil bintha Mary Carmen Buttigieg flimkien ma' zewgha Joseph Buttigieg divizament bejniethom. Fuq dak l-att (Dok H) ix-xerrejja nghataw zmien ghall-hlas. Izda bis-sahha tal-imsemmi testment, l-imsemmija testatrici hafret lil kull wiehed u wahda mill-imsemmija Michael u Theresa konjugi Attard, u Mary Carmen u Joseph konjugi Buttigieg kwalunkwe ammont li kien ghadu ma thallasx minnhom fid-data tal-mewt taghha, inkluzi l-imghaxijiet relattivi, fis-sens li kwalunkwe kreditu spettanti lit-testatrici fid-data tal-mewt taghha fir-rigward ta' kull wiehed u wahda mill-beneficcjarji ghandu jittiehed u ghandu jigi ricevut mill-istess beneficjarju b'legat jew prelegat skont il-kaz. It-testatrici ddikjarat li hija kienet qeghdha tordna dan il-legat ossija prelegat b'kumpens ghal servizzi u assistenzi rezi mill-imsemmija wliedha u zwieghom lit-testatrici.

7. Illi l-imsemmija disposizzjoni testamentarja fejn it-testatrici Helen Attard hafret kull dejn li kien baqaghlu jithallas mill-konjugi Attard u Buttigieg fuq imsemmija huwa effettivament simulat ghaliex mhux tassew il-mahfra tad-dejn saret bhala kumpens ghal servigi u assistenzi resi mill-imsemmija legatarji wliedha u zwieghom ghaliex l-ewwelnett hu maghruf li ebda kumpens m'hu dovut meta l-vinkoli ta' konsangwinita' huma stretti u fil-legati remuneratorji bejn il-genituri u wlied jekk mhux dejjem, kwazi dejjem hemm element ta' liberalita' u mhux il-kaz li jkun remuneratorju u t-tieni nett il-legatarji ma rrendew ebda servigi retribwibbli. Ghalhekk l-istess legat ghandu jitqies ghall-finijiet u effetti kollha tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju tal-mejta Helen Attard bhala liberalita' u ghandu jigi migjub lura fil-wirt.

8. Illi l-attrici filwaqt li ma tridx tibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti ghal dak li jirrigwarda l-wirt ta' missierha l-imsemmi Victor Emmanuel Attard, trid li tigi likwidata u assenjata lilha kif dovuta mil-ligi u kif misthoqq il-legittima mill-assi ereditarja ta' ommha l-imsemmija Helen Attard.

L-attrici ghalhekk talbet lil din il-Qorti:

1. Tistabilixxi u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Victor Emmanuel u Helen Attard billi jigi dikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

2. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Victor Emmanuel Attard billi tiddikjara li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidat u f'dawk l-assi parafernali l-ohrajn mobbli u mmobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza.

3. Taqsam l-assi partikolari tal-mejjet Victor Emmanuel Attard f'disa' (9) porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti.

4. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Helen armla ta' Victor Emmanuel Attard billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti fuq likwidat u dawk l-assi parafernali l-ohrajn, mobbli u mmobbli, li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

5. Tiddikjara ghall-finijiet ta' tali likwidazzjoni li l-legat imholli bit-tieni artikolu tat-testment ta' Helen Attard maghmul in atti Nutar Dottor Paul George Pisani tal-31 ta' Ottubru 2003 huwa att ta' liberalita' u xejn remuneratorji, izda li kwalunkwe ammont li kien baqa' dovut fid-data tal-mewt tat-testatrici ghandu jigi kkalkulat ghall-fini tal-likwidazzjoni tal-assi partikolari tal-imsemmija Helen Attard.

6. Tiddikjara, jekk hemm bzonn li d-diseredazzjoni maghmula mill-istess testatrici Helen Attard in virtu' tat-tieni artikolu tat-testment sigriet taghha tat-23 ta' Lulju 2005 miftuh u ppubblikat min-Nutar Kristen Dimech fl-24 ta' Gunju 2008 hija nulla u bla effett billi m'hijiex maghmula ghar-ragunijiet li trid il-ligi u fi kwalunkwe kaz inveritiera u ntiza biss teludi u tevadi d-drittijiet legittimarji tal-attrici.

7. Konsegwentement tillikwida l-legittima dovuta lill-attrici mill-assi ereditarju tal-imsemmija Helen Attard.

8. Tordna l-assenjazzjoni tal-imsemmija legittima lill-attrici.

9. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni tal-assi tal-mejjet Victor Emmanuel Attard u l-assenjazzjoni tal-legittima favur l-attrici mill-wirt u successjoni ta' Helen Attard fil-gurnata, hin u lok li jigi ordnat kif ukoll bin-nomina ta' kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Gunju 2008 kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrka ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kollha hlief Joseph Attard li permezz taghha eccepew:

1. Illi dwar il-qasma u d-divizjoni ta' l-assi appartenenti lill-missier il-kontendenti ma hemmx kontestazzjoni mill-intimati, u dan il-fatt l-attrici ilha tafu sa mill-bidu nett. Ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jsiru dawn il-proceduri ghar-rigward tad-divizjoni ta' l-istess. Fi kwalunkwe kaz, meta jigu stabbiliti l-istess assi appartenenti lil missierhom, u s-sehem relattivi ghal kull wiehed u wahda mill-kontendenti, huma lesti li jersqu ghal tali divizjoni.

2. Mhux l-istess jinghad ghar-rigward ta' l-assi mmobiljari ta' omm il-kontendenti Helen Attard. Jinghad qabel xejn, illi qabel ma' din l-Onorabbli Qorti tordna li l-attrici tiehu l-legittima li hija qeghdha tippretendi, l-istess Qorti ghandha l-ewwel u qabel kollox tiddeciedi dwar il-kwistjoni tad-dizeredazzjoni u dwar il-kwistjoni ta' jekk ulied l-attrici, li huma skont it-testment sigriet datat 23 ta' Lulju 2005 il-legittimarji tad-defunta Helen Attard, ghandhomx jidhlu f'din il-kawza:

   i. Fl-ewwel lok, l-esponenti jirrilevaw illi d-dizeredazzjoni ta' l-attrici minn ommhom saret kif trid il-ligi u dan peress li ommhom kellha kull dritt taghmel dan fit-testment sigriet taghha datat 23 ta' Lulju, 2005. Skont it-tieni artikolu ta' dan it-testment sigriet, id-defunta Helen Attard stqarret hekk:

   *"Niddizereda kompletament u bl-aktar mod assolut lil binti Maria Fortunata Refalo mart Jude Thaddeus sive Teddy Refalo ghall-fini u effetti kollha tal-Ligi. Dana qeghda naghmlu peress illi binti tinsab hatja fil-konfront tieghi ta' diversi atti ta' mohqrija u offiza ohra gravi fost liema hemm il-fatt illi hija stitwit proceduri civili kontra tieghi meta fil-fatt jiena dejjem ikkompensajt kemm lilha kif ukoll lil zewgha Jude Thaddeus sive Teddy Refalo bl-aktar mod adegwat ta' kull servizz u assistenza li setghu ipprestawli tant illi kwalunkwe introjtu u qliegh mill-amministrazzjoni u operazzjoni tal-hanut numru wiehed (1) fi Triq it-Tigrija, Xaghra, Ghawdex, dejjem gie konsegwit mill-istess Maria Fortunata u Jude Thaddeus konjugi Refalo. Ghal dan il-fini naghmel referenza ghas-sitt artikolu tat-testment tieghi maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fl-ghoxrin (20) ta' Novembru elfejn (2000). Oltre' dan, l-istess Maria Fortunata Refalo mxiet b'mod tant krudili fil-konfront tieghi li bir-rapporti li ghamlet ikkonstringiet lill-helper li kelli mieghi u li kienet tant ghal qalbi titlaqni sabiex ma baqghetx toffrili ghajnuna u sahansitra ngungitha bhala xhud fil-Qorti fil-kawza li l-istess binti u zewgha ghamlu kontra tieghi. B'dana kollu rrid u nordna illi l-porzjoni legittimaraja spettanti lil Maria Fortunata Refalo mart Jude Taddeus Refalo tigi konsegwita mit-tliet uliedha Christine, Clive, Claire ahwa Refalo".*

Illi ghalhekk il-vot tal-ligi fl-artikolu 623(d) u (e) tal-Kap 16 gew sodisfatti u kwindi l-attrici ghandha tigi kunsidrata bhala dizeredata mill-wirt ta' ommha. Tajjeb li jinghad illi minkejja li l-attrici thallset ghas-servizzi minnha rezi, hija xorta wahda ghamlet kawza kontra ommha Helen Attard ghall-hlas tal-istess. Din il-kawza hija dik bin-numru 181/00 fl-ismijiet Refalo Teddy sive Jude Thaddeus et vs Helen Attard u tinsab differita quddiem il-Magistrat Paul Coppini ghat-13 ta' Frar, 2009. L-istess attrici ghamlet kawza ta' spoll kontra ommha, liema kawza hija dik li ggib in-numru 209/00 fl-ismijiet Refalo Maria Fortunata et vs Attard Helen, ukoll quddiem il-Magistrat Paul Coppini u differita wkoll ghat-13 ta' Frar, 2009. L-esponenti sejrin, waqt it-trattazzjoni ta' dina l-kawza, iressqu x-xhieda hemm inserita in sostenn ta' dan kollu.

ii. Fit-tieni lok, din il-Qorti trid tara u tiddeciedi ukoll jekk l-ulied l-istess attrici u cioe' Christine, Clive u Claire ahwa Refalo, ghandhomx jiddahhlu f'din il-kawza l-ghaliex f'kaz li l-kwistjoni tad-dizeredazzjoni tigi deciza favorevolment ghall-attrici, allura huma ser jigu mcahhda mil-legittima spettanti lilhom skond dan it-testment. Ghalhekk il-gudizzju qatt ma jista' jkun integru.

3. Illi ghar-rigward tal-kwistjoni tal-legat imholli lill-eccipjenti Michael u martu Theresa Attard, kif ukoll lill-eccipjenti Mary Carmen u zewgha Joseph Buttigieg, bit-testment tal-31 ta' Ottubru 2003 il-konjugi taghhom ukoll ghandhom jidhlu fil-kawza l-ghaliex fl-indagni li trid taghmel din il-Qorti – wara li jigi dikjarat li l-attrici ghandha jedd ghal-legittima spettanti lilha skont il-ligi – sabiex tara jekk dan il-legat, ossia prelegat huwiex wiehed remuneratorju jew inkella, kif qeghdha ssostni l-attrici li huwa att ta' liberalita', id-drittijiet taghhom personalment jistghu jigu effettwati. Ghalhekk anke hawn l-gudizzju ma jistax ikun integru. Illi fi kwalunkwe kaz, l-eccipjenti Michael Attard u ohtu Mary Carmen Buttigieg u l-konjugi rispettivi taghhom dejjem ipprestaw servizzi lil ommhom bil-ghan li jigu kumpensati u dan kif jistghu jixhdu huthhom l-ohra u x-xhieda li sejrin jittellghu ghal dan il-ghan. Oltre' dan jinghad li l-attrici ma tistax f'din il-kawza tghid illi l-legat remuneratorju hawn imsemmi huwa simulat ghaliex huwa att ta' liberalita' u *"l-ewwel nett huwa maghruf li ebda kumpens mhu dovut meta l-vinkoli ta' konsangwenita' huma stretti"* u imbaghad hija stess tipprocedi, kif fil-fatt ipprocediet b'kawza ta' servigi kontra ommha (Ara Cit Nru: 181/00 fl-ismijiet Refalo Teddy sive Jude Thaddeus et vs Attard Helen).

4. Salv risposta ulterjuri skont il-ligi.
.

5. Illi ghalhekk l-intimati jissottomettu illi:

i. L-ewwel tliet talbiet tar-rikorrenti ghandhom jintlaqghu, wara li ssir id-debita verifika ta' l-assi appartenenti lid-decujus Victor Emanuel Attard u wara d-debita verifika tal-ishma rispettivi. L-istess ukoll jinghad ghal dik il-parti tat-tmien (8) talba li tirrigwarda l-assenjazzjoni tal-assi appartenenti lid-decujus Victor Emanuel Attard u l-hatra ta' Nutar Pubbliku u n-nomina ta' kuratur. B'dan pero' li l-ispejjez ta' dawn

it-talbiet ma ghandhomx jigu akkollati fuq l-intimati billi huma qatt ma cahdu lir-rikorrenti minn dak spettanti lilha, u kien biss is-sens ta' pika esagerata taghha u l-intransigenza taghha fil-konfront taghhom li geghlitha taghmel din il-parti tal-kawza.

ii. It-talbiet attrici numri erbgha (4), hamsa (5), sitta (6) u s-sebgha (7) u l-ahhar parti tat-tmien (8) talba fejn tirrigwarda l-assenjazzjoni tal-legittima lilha mill-wirt ta' Helen Attard ghandhom jigu michuda u l-intimati ma ghandhomx ibatu l-ispejjez taghhom stante li dawn it-talbiet ma humiex gustifikati la legalment u lanqas fattwalment.

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat Dr Kevin Mompalao kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Joseph Attard li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-esponenti ma huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk filwaqt li jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba, jirriserva illi jipproduci eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri u wara li jkun ikkomunika ma' l-istess Joseph Attard fl-esteru.

2. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi konfermata bil-gurament mill-kuratur deputat l-Avukat Dr Kevin Mompalao li ghandu konoxxenza ta' dak fuq espost.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri ta' l-Avukat Dr Kevin Mompalao fil-kwalita' tieghu ta' kuratur ta' l-imsefrin Joseph Attard, Marianne Sultana, Rose Xerri u Mario Victor Attard:

1. Illi l-esponenti ghadhom ma humiex decizi jekk jaccettawx jew le l-eredita' ta' ommhom Helen Attard, jew jekk jitolbux il-hlas tas-sehem rizervat (ossia legittima) spettanti lilhom skont il-ligi, u ghalhekk l-istat taghhom f'din il-kawza ghandu jigi meqjus f'dan id-dawl.

2. Illi dwar il-mertu tat-talbiet attrici l-esponenti jirrimettu ruhhom ghall-provi migjuba. F'dan l-istadju l-interess ta' l-esponenti huwa illi tohrog il-verita'.

3. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi konfermata bil-gurament mill-kuratur deputat l-Avukat Dr Kevin Mompalao li ghandu konoxxenza ta' dak fuq espost, wara li stabilixxa kuntatt mal-persuni minnu rapprezentati.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamati fil-kawza Theresa mart Michael Attard u Joseph Buttigieg li permezz taghha eccepew:

1. Illi ghar-rigward il-qasma u d-divizjoni tal-assi appartenenti lill-missier l-atturi u l-konvenuti, u l-kwistjoni tal-legittima li l-attrici li ghandha tiehu mill-eredita' ta' ommha Helen Attard, din m'hijiex kwistjoni li tirrigwarda lill-esponenti. Madankollu, ma hemmx kontestazzjoni dwar dan min-naha taghhom.

2. Illi ghar-rigward tal-kwistjoni tal-legat imholli lill-eccipjenti, kif ukoll lil Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg, huwa sottomess illi l-esponenti u l-konjugi rispettivi taghhom dejjem ipprestaw servizzi lil Helen Attard bil-ghan li jigu kkumpensati u dan kif jistghu jixhdu diversi persuni.

3. Illi inoltre', l-attrici ma tistax f'din il-kawza tghid illi l-legat remuneratorju hawn imsemmi huwa simulat ghaliex huwa att ta' liberalita' u *"l-ewwel nett huwa maghruf li ebda kumpens mhu dovut meta l-vinkoli ta' konsangwenita' huma stretti"* u mbaghad hija stess tipprocedi, kif fil-fatt ghamlet, b'kawza ta' servigi kontra ommha

4. Salv risposti ulterjuri skont il-Ligi.

5. Illi ghalhekk l-intimati jissottomettu illi:

   i. M'ghandha ssir l-ebda kundanna fil-konfront ta' l-esponenti dwar l-ewwel erba' (4) talbiet tar-rikorrenti, u mis-sitta (6) sad-disgha (9) talba inkwantu dawn ma jirrigwardaw bl-ebda mod lill-esponenti. Konsegwentement ukoll l-ebda spejjez relatati ma' dawn it-talbiet m'ghandhom jigu kkundannati bhala pagabbli minnhom;

   ii. Tichad il-hames (5) talba inkwantu m'hijiex gustifikata la legalment u lanqas fattwalment.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluz in-noti ta' sottomissjonijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

Illi l-konjugi Victor Emanuel Attard u Helen Attard kellhom disat ulied – Mary Carmen mizzewga Buttigieg, Michael, Maryanne mizzewga Sultana, Joseph, Jane mizzewga Buttigieg, Mary Fortunata mizzewga Refalo, Yvonne mizzewga Attard, Victor, Rose mizzewga Xerri.

Victor Emanuel Attard miet fl-24 ta' Novembru 1985 testat b'testment unica charta datat 21 ta' Mejju 1980.

Helen Attard mietet fil-15 ta' Frar 2008 testata. Hija ghamlet 4 testmenti. L-ewwel wiehed testment unica charta; iehor datat 20 ta' Novembru 2000[1]; iehor datat 31 ta' Ottubru 2003[2] u testment sigriet tat-23 ta' Lulju 2005.

Fit-testment sigriet Helen Attard iddezeredat lill-attrici ghar-ragunijiet minnha ndikati fl-istess testment. Mill-bqija salv ghal xi legati, halliet lit-tmien uliedha l-ohra eredi universali taghha u pprovdiet li s-sehem rizervat spettanti lill-attrici ghandhom jiehduh uliedha.

Illi fis-27 ta' Gunju 2008, l-attrici rrinunzjat ghall-wirt u successjoni t'ommha izda zammet ferm id-drittijiet taghha ghas-sehem rizervat. Ghaldaqstant hija pprocediet bil-kawza odjerna fejn qeghdha titlob (i) il-likwidazzjoni ta' l-assi ta' missierha; (ii) il-likwidazzjoni ta' l-assi ta' ommha; (iii) dikjarazzjoni li legat imholli bit-tieni artikolu tat-testment tal-31 ta' Ottubru 2003 huwa att ta' liberalita'; (iv) dikjarazzjoni li d-dizeredazzjoni taghha hija nulla; u (v) likwidazzjoni tal-legittima.

Il-konvenuti rapprezentati mill-kuratur Dr Mompalao ghadhom ma ddecidewx jekk hux se jaccettaw l-eredita' ta' ommhom.

Illi l-partijiet qablu li riferibbilment ghat-talbiet dwar id-dizeredazzjoni l-attrici ghandha tiehu l-legittima spettanti lilha skont il-ligi mill-wirt ta' ommha.

[1] Dok D
[2] Dok E

**Eredita' Victor Emanuel Attard**

Illi l-uniku prova dwar din l-eredita' hija d-dikjarazzjoni *causa mortis*. L-attrici fis-seduta tas-17 ta' Frar 2010 iddikjarat li tirrimetti ruhha ghad-denunzja li saret mill-konvenut Michael Attard. Minn qari ta' l-istess jirrizulta li kien hemm:

1. **nofs indiviz ta' raba' Ta' Sliema fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex** – fid-denunzja m'hemmx valur indikattiv ghal din il-porzjon art. Biss pero' fir-rapport tal-perit Edward Scerri indika li nofs indiviz (naturalment ta' l-omm) huwa €612.50. Il-konvenuti Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard, Jane Buttigieg u Michael Attard rrilevaw fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom li din il-porzjon mhix kommodament divizibbli bejn il-werrieta. Ebda prova tal-kuntrarju ma ngabet. Ghaldaqstant il-Qorti se tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' din il-proprjeta' bil-valur indikat.

2. **Oggetti tal-kacca** – ma giex indikat x'kienu u x'inhuma dawn l-oggetti tal-kacca u jekk ghadhomx jezistu tenut kont li Victor Emanuel Attard miet fis-sena 1985.

3. **nofs indiviz ta' tlett karozzi** – il-konvenuti Mary Carmen Buttigieg, Yvonne Attard, Jane Buttigieg u Michael Attard jsostnu li matul il-hajja ta' Helen Attard dawn il-vetturi gew trasferiti u mibjugha lil terzi persuni u dan bil-kunsens ta' wliedha kollha. L-attrici ma taqbilx. Biss fl-atti ma tezisti l-ebda informazzjoni dwar dawn il-vetturi.

4. **nofs indiviz ta' l-ghamara** – kif diga' inghad il-missier miet fis-sena 1985. ma giex indikat liema u x'setghet kienet din l-ghamara.

5. **nofs indiviz ta' flus mizmuma d-dar ammontanti ghal Lm250** – ma rrizultax x'gara minn dawn il-flus billi dak iz-zmien kienu fil-pussess ta' Helen Attard.

6. **nofs indiviz ta' Lm1,000 Mid-Med Bank No L 253705** – mill-atti jirrizulta[3] li dan il-kont bankarju ghadu ezistenti. Ghalhekk l-ammont ta' Lm500 ekwivalenti ghal €1,164.69. Ghalhekk nofs il-bilanc f'dan il-kont illum mal-HSBC Bank Malta plc ghandu jigi diviz ugwalment bejn l-eredi ta' Victor Emanuel Attard.

**Eredita' Helen Attard – Sehem Rizervat**

[3] Dok X u X 1

Illi fl-atti ta' din il-kawza gie pprezentat inventarju ta' l-assi taghha li thejja min-Nutar Christian Zammit[4].

Ma gie nominat ebda Perit Tekniku sabiex jivvaluta l-proprjetajiet. Gie pprezentat rapport *ex parte* tal-Perit Edward Scerri[5] mill-attrici. Il-konvenuti Mary Carmen Buttigieg, Jane Buttigieg, Michael Attard, Yvonne Attard u l-kjamati fil-kawza ddikjaraw fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2013 li kienu qeghdin jaqblu mal-valuri moghtija mill-perit ex parte. Dan sar sabiex jigu evitati spejjez ulterjuri. Ma saret l-ebda rizerva ghall-valutazzjoni moghtija mill-perit fir-rapport tieghu. Il-konvenuti appena msemmija fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom irrilevaw li filwaqt li huma ghamlu tali dikjarazzjoni ssottomettew li billi l-valuri kienu moghtija fis-sena 2010 u mhux fis-sena 2008 meta mietet Helen Attard u l-kriterju tal-valutazzjoni biex issir il-likwidazzjoni tas-sehem rizervat ghandu jkun kemm kien jiswa l-gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li kien f'dak iz-zmien, huma qeghdin jippretendu li l-valuri msemmija mill-perit Scerri ghandhom jigu ridotti b'persentagg adegwat sabiex jirriflettu l-valur ta' l-immobbli fis-sena 2008. Huma jissuggerixxu, ighidu fuq parir tekniku li hadu, li l-valuri moghtija ghandhom jitnaqqsu b'5%.

Din il-Qorti ma tqisx li ghandha tikkunsidra  tali suggeriment.  Fl-ewwel lok, m'hemmx prova in atti li l-valur tal-proprjeta' bejn is-sena 2008 u s-sena 2010 kien differenti. Inoltre' il-valur tal-proprjeta' mhux dejjem joghla (ghalkemm generalment joghla) imma jista' jibqa' stabbli jew f'pessima ipotezi jinzel fil-valur. F'dan il-kaz mhux qeghdin nikkunsidraw trapass ta' zmien kunsiderevoli. Fit-tieni lok, huma qablu minghajr rizervi mal-valuri ndikati w allura mhux accettabbli li f'dan l-istadju  jibdlu l-posizzjoni taghhom ghad-detriment ta' l-attrici li forsi kienet tiehu posizzjoni differenti minn dik li hadet.

**Immobbli**

L-immobbli li dwarhom hemm qbil li jifformaw parti mill-eredita' huma:

i) **3 porzjonijiet art denominati 'Tal-Gherejjex' fil-kuntrada ta' Marsalforn, fil-limiti taz-Zebbug, Ghawdex bil-kejl ta' 167 m.k; 533 m.k; u 276 mk** bil-valur ta' €10,400; €33,200 u €17,200 rispettivament;

ii) **Art fiz-zona tal-Melha fil-limiti tax-Xaghra, Ghawdex -** €3,500 u €2,200;

[4] A fol 683 tal-process
[5] Dok U a fol 508

iii) **Art maghrufa bhala 'Ta' Sliema' f'San Lawrenz, Ghawdex, 281 mk.** Hekk kif gie rilevat tajjeb mill-konvenuti u l-kjamati fil-kawza **nofs indiviz** biss kellha l-omm (billi din l-art kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti). Ghalhekk il-valur li ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni huwa ta' €612.50 (billi l-valur moghti ghall-art kollha li hi ta' €1,225);

iv) Fil-mewt ta' Helen Attard li sehhet fil-15 ta' Frar 2008 fir-rigward tal-proprjeta' segwenti kien hemm vigenti uzufrutt a favur ta' Ganna Zammit (oht Helen Attard) li mietet fl-10 ta' Marzu 2010. Infatti l-Perit Edward Scerri rrileva li in vista ta' dan l-uzufrutt il-valur kellu jitnaqqas b'10%. Hekk kif issottomettew il-konvenuti din il-Qorti se tiehu in kunsiderazzjoni ghall-komputazzjoni tal-legittima mhux il-valur intier tal-proprjeta' kif issottomettiet l-attrici izda 90% tal-valur ta' dawn il-proprjetajiet, ossija 90% ta' 1/7 indiviz (billi Helen Attard kellha 1/7 indiviz). Ghall-istess ragunijiet indikati precedentement mhu se jitqies l-ebda tnaqqis iehor fil-valur kif mitlub mill-konvenuti:

**a)** **bicca art 'Ta' Frendo'** - €2,841.43[6];
**b)** **bicca art 'Ta' Ghajn Qasab'** (5330mk) - €2,558.57[7];
**c)** **bicca art 'Ta' Xbejba', Xaghra, Ghawdex ghal fuq Triq il-Kortoll** (1750mk) - €2,802.86[8];
**d)** **art fi sqaq fi Triq Srug, Xaghra, Ghawdex** (206.5mk) - €1,497.86[9];
**e)** **dar zghira nru 125 fi Triq 28 ta' April 1688, Xaghra, Ghawdex.** Din id-dar hija mikrija lil terzi - €3,857.14[10];
**f)** **dar bil-garaxx fi Pjazza San Anton, Xaghra, Ghawdex**. Din hija mikrija lil terzi - €3,728.57[11];
**g)** **dar fi Triq 28 ta' April 1688, Xaghra, Ghawdex** - €16,714.29[12];
**h)** **dar nru 122, Triq 28 ta' April 1688, Xaghra, Ghawdex.** Din id-dar hija mikrija lil terzi - €4,500[13];
**i)** **appartament li jinsab il-Menqa, Marsalforn, Ghawdex.** Dan huwa mikri lil terzi - - €2,957.14[14];
**j)** **dar bil-gnien fi 18, Triq San Guzepp, Xaghra, Ghawdex,** mikrija lil terzi - €109,285.71[15];
**k)** **1/7 parti indiviza ta' l-arja sovrastanti l-blokk 'Ta' Kusi Flats' fid-Dahla ta' l-Gherejjex, Marsalforn, Ghawdex** - €1,500;
**l)** **1/7 parti indiviza ta' l-arja sovrastanti l-blokk 'Ta' l-Gherejjex' fi Triq Rabat, Marsalforn, Ghawdex -** €17,900 (billi ghandha potenzjal li tigi zviluppata skont il-policies tal-Mepa)

---

6 1/7 ta' €19,890 (valur shih €22,100)
7 1/7 ta' €17,910 (valur shih €19,900)
8 1/7 ta' €19,620 (valur shih €21,800)
9 1/7 ta' €10,485 (valur shih €11,650)
10 1/7 ta' €27,000 (valur shih €30,000)
11 1/7 ta' €26,100 (valur shih €29,000)
12 1/7 ta' €117,000 (valur shih €130,000)
13 1/7 ta' €31,500 (valur shih €35,000)
14 1/7 ta' €20,700 (valur shih €23,000)
15 1/7 ta' €765,000 (valur shih €850,000)

v) Illi jehtieg li issa tigi trattata l-kwistjoni sollevata mill-attrici dwar il-kuntratt tar-raba' tal-Gherejjex datat 31 ta' Ottubru 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani li permezz tieghu l-mejta Helen Attard ittrasferiet l-art tal-Gherejjex f'Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex lil uliedha l-konvenuti Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg u l-konsorti taghhom. L-attrici telenka fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. L-insenjamenti dwar l-*actio familiae erciscundae* liema gurisprudenza hija ben maghrufa.

Illi l-attrici tikkontendi li dan it-trasferiment kien att ta' liberalita' pura u semplici, u sar biex jiddefrawda d-drittijiet legittimarji taghha u d-drittijiet ereditarji ta' wliedha l-ohrajn kollha. Din l-intenzjoni hija wkoll evidenti mill-fatt li t-testatrici Helen Attard f'wiehed mit-testmenti taghha ddizeredat lill-attrici. Dan kien, skont l-attrici, l-istess animu wara l-laxxitu favur il-konvenuti Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg u zwieghom bit-testment taghha fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani tal-31 ta' Ottubru 2003 li bih hija hafret id-dejn tal-art imsejha 'tal-Gherejjex' f'Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex. Dan it-testment sar fl-istess gurnata li fiha Helen Attard ittrasferiet l-istess art bil-prezz ta' Lm10,000 ekwivalenti ghal €23,294 li baqghu ma thallsux fuq l-att imma fl-istess hin gew mahfura bit-testment li sar fl-istess gurnata u ghand l-istess nutar. Ghalhekk l-attrici ssostni li dan ma kien bejgh xejn izda huwa att ta' liberalita' u bhala tali ghandu mhux biss f'dan il-kaz jigi ridott imma kkunsidrat bhala donazzjoni sabiex il-valur tal-immobbli trasferit jingab fil-massa ereditarja u b'dak il-mod tkun tista' tigi kkalkulata l-legittima dovuta lill-attrici.

Illi l-attrici qeghdha titlob lil din il-Qorti sabiex tidhol fil-kwistjoni u tara jekk il-valur tat-trasferiment ta' l-art tal-Gherejjex huwiex gust u reali u jekk fil-massa ereditarja ghandux jingab il-valur gust u reali ta' dak il-fond u mhux il-prezz dikjarat fuq l-att.

Illi l-konvenuti jissottomettu li din il-Qorti, f'dan il-kaz, ma tistax tissindika l-validita' o meno ta' l-att ta' bejgh li sar fir-rigward ta' din l-art kif ukoll ma tistax tissindika dwar il-valur ta' l-istess art. Il-kuntratt ta' bejgh ma giex dikjarat li huwa simulat fi proceduri ohra li ttiehdu mill-istess attrici u f'din il-kawza assolutament ma saret l-ebda talba biex dan il-kuntratt partikolari jigi dikjarat simulat jew jigi rexiss.

Illi din il-Qorti diga' tat digriet fit-3 ta' Settembru 2012 fejn diga' ddikjarat li mhijiex tikkunsidra l-pretensjoni attrici li tezamina l-kuntratt ta' bejgh kienx wiehed simulat jew le. Filwaqt li l-Qorti taqbel mal-insenjamenti riferuti mill-

attrici dwar l- *actio familiae erciscundae,* madankollu dan il-kaz jipprezenta sfumaturi differenti.

Illi l-attrici apparti l-kawza odjerna kienet wkoll ressqet proceduri separati[16] fejn talbet li l-kuntratt ta' bejgh jigi dikjarat simulat ghal dak li huwa l-ammont ta' prezz iddikjarat fuq l-istess att. Din il-kawza giet deciza kontra l-attrici fuq punt tekniku. Ma gie nterpost l-ebda appell minn tali sentenza. Issa l-attrici, wara li hija stess kienet ghazlet li tipproponi kawza bhal dik u mhux titlob li tigi trattata f'dawn il-proceduri qeghdha titlob lill-Qorti biex tiskarta s-sentenza li diga' giet deciza daqs li kieku qatt ma saret.

Illi din il-Qorti tqis li hija marbuta bit-talbiet attrici u trid tiddeciedi f'dawk il-parametri. Fit-talbiet taghha l-attrici precizament fil-hames talba taghha, hija qeghda titlob is-segwenti:

*"Tiddikjara ghall-finijiet ta' tali likwidazzjoni li l-legat imholli bit-tieni artikolu tat-testment ta' Helen Attard maghmul in atti Nutar Dottor Paul George Pisani tal-31 ta' Ottubru 2003 huwa att ta' liberalita' u xejn remuneratorju, izda li kwalunkwe ammont li kien baqa' dovut fid-data tal-mewt tat-testatrici ghandu jigi kkalkulat ghal fini tal-likwidazzjoni tal-assi partikolari tal-imsemmija Helen Attard."*

Fil-premessi huwa wkoll evidenti li dak li kienet qeghdha tilmenta minnu l-attrici f'din il-kawza kien li l-legat imholli li permezz tieghu Helen Attard hafret kull dejn li kien baqaghlu jithallas mill-konjugi Attard u Buttigieg kien simulat ghaliex mhux tassew il-mahfra tad-dejn saret bhala kumpens ghal servigi u assistenzi rezi mill-imsemmija legatarji wliedha u zwieghom ghaliex skontha huwa maghruf li ebda kumpens mhu dovut meta l-vinkoli ta' konsangwinita' huma stretti u fil-legati rimuneratorji bejn il-genituri u wlied kwazi dejjem hemm element ta' liberalita'.

Ghalhekk huwa evidenti li l-attrici talbet li jigi dikjarat li l-legat rimuneratorju jigi meqjus bhala att ta' liberalita'. Dan il-legat jirrigwarda biss il-bilanc li ghadu pendenti biex jithallas u ma kienx jikkomprendi fih l-ghoti ta' l-art lill-konvenuti Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg u zwieghom. Din il-Qorti hija tal-fehma wkoll li mill-premessi u mit-talbiet minn imkien ma jirrizulta li l-attrici qeghdha ssostni li l-kuntratt ta' bejgh kien simulat. Huwa

[16] Rik Gur Nru: 81/2009

minnu li fil-komputazzjoni tas-sehem rizervat jridu jigu nkluzi l-assi kollha nkluz dawk li jkunu nghataw b'donazzjoni, izda f'dan il-kaz l-attrici nnifisha ghazlet triq ohra billi pprezentat proceduri separati tant li l-kawza odjerna kienet qeghdha tistenna l-ezitu tal-proceduri l-ohra. Issa ghaliex l-ezitu tal-kawza l-ohra ma kienx favorevoli ghaliha tippretendi li anki f'din il-kawza jigi kkunsidrat dan il-punt.

Illi ghalhekk din il-Qorti se tikkunsidra jekk il-legat imholli ossija l-bilanc ta' flus pendenti ghandux jigi meqjus ghall-komputazzjoni tas-sehem rizervat. Fl-ewwel lok, l-attrici certament mhix korretta fil-principju meta ssostni li kwalunkwe servigi li jigu rezi mill-konsangwinji stretti ma jaghti lok ghall-ebda kumpens. Il-gurisprudenza evolviet b'tali mod u manjiera li bdew jigu likwidati servigi a favur ta' familjari kemm abbazi tal-principju li *"omnia labor, optat premium"*, kif ukoll billi hadd mhu prezunt li jippresta servigi lil haddiehor anke jekk dawn ikun familjari u dan minghajr hsieb li jithallas taghhom. Infatti l-istess attrici pprezentat kawza ghall-hlas ta' servigi minghand ommha, liema kawza giet deciza favorevolment favur l-attrici peress li giet likwidata somma li kellha tithallas lilha bhala kumpens ghal servigi rezi ammontanti ghal €19,752.

Stabbilit dan irid jigi ezaminat, billi dan hu permess li jsir f'kawza bhal dik odjerna, jekk il-legat imholli minn Helen Attard kienx verament att ta' liberalita' jew legat remuneratorju kif sostniet mill-konvenuta li a favur taghhom huwa l-legat.

Permezz tat-tieni artikolu tat-testment taghha tal-31 ta' Ottubru 2003 it-testment Helen Attard iddisponiet hekk:

*"It-tesatricit taghmel referenza ghat-tieni artikolu tat-testment taghha precitat li permezz tieghu hija halliet bi prelegat a favur ta' uliedha Michael Attard u Mary Carmen mart Joseph Buttigieg bicca art maghrufa bhala 'Ta' l-Gherejjex' f'Marsalforn limiti Zebbug, Ghawdex, u dana b'kumpens ghal servizzi u assistenzi rezi minnhom lill-attrici.*

*It-testatrici tiddikjara li b'att tieghu t'illum stess hija bieghet din l-art lill-istess Michael Attard flimkien ma' martu Theresa Attard u lil Mary Carmen Buttigieg flimkien ma' zewgha Joseph Buttigieg divizament bejniethom. Fuq dak l-att ix-xerrejja inghataw zmien ghal hlas. It-testatrici qeghda bis-sahha tal-prezenti tahfer lil*

*kull wiehed u wahda mill-imsemmija Michael u Theresa konjugi Attard, u Mary Carmen u Joseph konjugi Buttigieg dak il-bilanc mill-prezz tal-porzjon rispettiva li jkun ghadu ma thallasx minnhom fid-data tal-mewt taghha, inkluzi l-imghaxijiet relattivi. Ghalhekk kwalunkwe kreditu spettanti lit-testatrici fid-data tal-mewt taghha fir-rigward ta' kull wiehed u wahda mill-beneficjarju b'legat jew prelegat skond il-kaz. It-testatrici tiddikjara li hija qeghda tordna dana l-legat ossija prelegat b'kumpens ghal servizzi u assistenzi rezi mill-imsemmija wliedha u zwieghom lit-testatrici".*

Illi imbaghad fit-testment sigriet taghha tal-24 ta' Gunju 2008 fir-raba' artikolu ddisponiet:

*"Nirreferi ghat-Tieni Artikolu tat-testment tieghi maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani fil-31 ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003) u niddikjara ghas-skans ta' kwalunkwe ekwivoku, illi l-mahfra tal-ammont bilancjali dovut minn binti Mary Carmen Buttigieg u zewgha Joseph Buttigieg u minn ibni Michael Attard u martu Theresa Attard qieghed isir b'intendiment car li dan ikopri biss il-kumpens ghas-servigi li jikkonsistu fl-amministrazzjoni tal-beni tieghi u tal-litigji fil-Qorti li jiena ghandi ma' binti Maria Fortunata Refalo u zewgha Teddy Refalo. Bl-ebda mod ma ghandha din il-mahfra tigi interpretata illi Mary Carmen Buttigieg u Michael Attard qed jigu kompensati ghas-servizzi l-ohra li qeghdin jaghtuni".*

Illi ghalhekk anki jekk il-konvenuti dahlu f'dettal dwar x'tip ta' servigi rrendew lil ommhom, in verita' Helen Attard inkwantu ghall-bilanc pendenti allacjatu mal-amministrazzjoni tal-beni taghha minn dawn iz-zewg uliedha. Mill-atti jirrizulta li Michael u Mary Carmen kellhom prokura a favur taghhom.

Illi mill-att ta' bejgh tal-31 ta' Ottubru 2003 jirrizulta li l-art tal-Gherejjex inbieghet bil-prezz ta' Lm5,000 ghal kull porzjon art, liema ammont kellu jithallas mill-kumpraturi rispettivi lill-venditrici sa ghaxar snin minn dakinhar bl-imghax ta' 8% fis-sena dekoribbli minn dik il-gurnata. Ma jirrizultax mill-atti li xi hadd minn dawn il-konvenuti hallas xi parti mill-ammont dovut.

Illi din il-Qorti wara li fliet l-atti processwali filwaqt li tirrikonoxxi li Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg hadu hsieb li jamministraw l-beni ta' ommhom permezz ta' prokura moghtija lilhom ma tqisx li dawn kienu tali li

kienu jimmeritaw trasferiment ta' proprjeta' a favur taghhom. Kwindi, in vista tac-cirkostanzi tal-kaz u in vista li l-istess konvenuti ghandhom proprjeta' li llum tiswa ferm aktar minn Lm5,000 tqis li gew kompensati altru minn bizzejjed.

Inkwantu ghas-servigi li setghu gew rezi minnhom jirrizulta li huma hadu hsieb ommhom wara li l-attrici ma baqghetx f'relazzjoni tajba ma' ommha, jirrzulta pero' wkoll li ghal hafna mill-hinijiet li l-omm kellha bzonn ghajnuna kienu gew imqabbda terzi persuni u anki familjari li kienu jithallsu ghas-servizzi taghhom minn Helen Attard innifisha.

Il-Qorti tqis ghalhekk li l-konvenuti gew ikkumpensati bizzejjed bit-trasferiment tal-proprjeta'.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-legat inkwistjoni huwa att ta' liberalita' u bhala tali jrid jittiehed ukoll in kunsiderazzjoni ai fini ta' kalkolazzjoni ta' sehem rizervat. Kwindi l-ammont ta' €23,294.

Illi l-atturi permezz tar-rikors taghhom tad-19 ta' Jannar 2012 irrilevaw li wahda mill-proprjetajiet li gew denunzjati sew fid-denunzja tat-testatrici Helen Attard u dik tal-imsemmija Giovanna Zammit hija l-art imsejha 'Tal-Gherejjex' f'Marsalforn, Ghawdex liema art il-komproprjetarji kienu ppjantaw diversi toroq li l-arja superficjali taghhom thalset barra mid-denunzja u kwindi l-attrici ssotni li d-dikjarazzjoni tal-valur fuq id-denunzja tas-successjoni ma tirriflettix il-valur reali tal-art. L-eredi tal-mejta Ganna Zammit ikkoregew id-denunzja tas-successjoni biex ghal dak li jirrigwarda l-art 'Tal-Gherejjex' jigi dikjarat il-valur reali. Mill-istima tal-Perit Saviour Micallef din ir-raba' li thalliet barra fit-28 ta' Ottubru 2011 inghatat valur ta' €110,000.

Illi l-konvenuti rapprezentati minn Dr Schembri filwaqt li ma joggezzjonawx ghall-inkuzjoni ta' din ir-raba' jsostnu li l-valur hu ferm ezagerat.

Illi inkwantu ghall-valur dan jirrizulta li gie rifless fid-dikjarazzjoni causa mortis li saret mill-ezekutur testamentarju ta' Maria Giovanna Zammit fis-7 ta' Marzu 2012[17] u thallset id-debita taxxa fuqha. Din il-Qorti ma tqisx li ghandha tiddiskosta ruhha minn tali valur anki tenut kont tal-fatt li kif inhu maghruf il-valuri ndikati fid-dikjarazzjoni causa mortis ikunu

[17] Dok PG 3 a fol 635

konservattivi almenu solitament. Ghalhekk il-Qorti lanqas tqis li ghandha tnaqqas mill-valur moghti nonostante li nghata wara l-mewt ta' Helen Attard. Ghalhekk l-ammont li ghandu jittiehed in kunsiderazzjoni huwa ta' 1/7 ta' €110,000 ossija €15,714.

**Mobbli**

Illi l-attrici qablet mal-valuri moghtija fl-inventarju pprezentat[18] li b'kollox gew stmati ghal €2,534.

Illi l-konvenuti rapprezentati minn Dr Georgine Schembri jikkontendu li Helen Attard kellha biss nofs indiviz ta' din l-ghamara w allura huwa nofs dan l-ammont li ghandu jigi mehud in kunsiderazzjoni fil-kalkolazzjoni tal-porzjon rizervata. l-Qorti tinsab ftit perplessa b'din is-sottomissjoni meta tliet pagni qabel fl-istess nota ta' sottomissjonijiet inkwantu ghall-eredita' tal-missier issottomettew testwalment: *"F'din id-dikjarazzjoni causa mortis ma gewx indikati x'ghamara kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Attard. Wiehed irid iqis li missier il-kontendenti miet fis-sena 1985, kwazi tlieta u ghoxrin sena qabel ma' mietet Helen Attard, u ghalhekk, huwa possibbli li hafna mill-ghamara li giet indikata fl-inventarju li hija ezistenti fid-dar ta' abitazzjoni tal-istess konjugi Attard giet akkwistata minn Helen Attard wahidha wara l-mewt ta' zewgha".*

**Depoziti Bankarji**

Mix-xhieda ta' Giovanni Cauchi[19] u mid-dokumenti minnu esebiti jirrizulta li fid-data tal-mewt ta' Helen Attard kien hemm:

i) Savings Account numru 07000756050[20] - li fih €4,736.51.

ii) Fixed deposit account numru 071000756100[21] li fih €1,164.69.

[18] Dok MF101 a fol 689 tal-process
[19] Seduta tad-29 ta' April 2009
[20] Dok GC1 a fol 215 tal-process
[21] Dok GC2 a fol 215 tal-process

iii) Term deposit account numru 071000756101[22] li kien fih €93,174.94 u fid-data tax-xhieda l-bilanc kien €96, 599.15.

Dan ix-xhud spjega li Helen Attard kienet tat prokura generali lil Michael Attard fl-20 ta' Novembru 2000. Ix-xhud qal ukoll li meta fis-27 ta' Gunju 2005 sar withdrawal ta' LM16,000 kienet iffirmat ghalih Helen Attard[23]. L-ammont ta' LM12,450 li gew irtirati fit-23 ta' Novembru 2007 ukoll iffirmat ghalihom Helen Attard[24]. Fl-14 ta' Frar 2008 sar transfer minn Helen Attard lil Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg ta' €6,988. Dan it-transfer sar b'effett tal-prokura moghtija lil dawn il-konvenuti minn ommhom fl-20 ta' Novembru 2000.

Illi dwar l-ammont ta' €6,988 li gie trasferit ghal fuq *joint account* ta' Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg, Michael Attard fl-affidavit tieghu spjega u ta rendikont taghhom. Infatti minn Dok M[25] jirrziulta li thalsu s-sorijiet Dumnikani fejn giet rikoverata Helen Attard fl-ahhar zmien ta' hajjitha u jirrizultaw li saru hlasijiet in konnessjoni mal-funeral ta' l-istess Helen Attard. Jinghad izda li l-hlasijiet sabiex thejjiet id-dikjarazzjoni *causa mortis* m'ghandhomx jitnaqqsu ai fini ta' komputazzjoni ta' sehem rizervat. Ghalhekk il-bilanc li fadal mill-ammont migbud cioe' €5,424.58 ghandu jkun inkluz ghall-kalkolazzjoni tal-porzjon rizervata.

Illi inkwantu ghall-kont numru 071000756101 jirrizulta li l-Qorti, kif diversament presjeduta, permezz ta' zewg digrieti tat-13 ta' Jannar 2014 u 21 ta' Frar 2014[26] awtorizzat il-hlas tas-segwenti ammonti:

i) €19,752 u €3.50 imhallsa lill-attrici u zewgha rapprezentanti sorte likwidat a favur taghhom fil-kawza istitwita minnhom fil-konfront ta' Helen Attard[27] ghal hlas ta' servigi rezi minnhom fil-konfront taghha.

ii) €1,076.62 u €3.50 rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-kawza numru 81/2000

iii) €2,006.05 u €3.50 rapprezentanti hlas lil Dr Alfred Grech rigwardanti drittijiet u VAT dwar il-kawza numru 81/2000.

iv) €531.04 u €3.50 rapprezentanti spejjez mahruga direttament minnhom fil-kawza bin-numru 81/2000

[22] Dok GC3
[23] Dok GC6 a fol 218 tal-process
[24] Dok GC7 a fol 219 tal-process
[25] A fol 292 tal-process
[26] Dok S u S1
[27] Kawza Nru 81/2000 deciza fid-29 ta' Ottubru 2013

v) €1,879.64 u €3.50 rapprezentanti hlas lill-avukat tal-konvenuti rigwardanti drittijiet u VAT dwar il-kawza numru 81/2000.

L-attrici dwar dawn l-ammonti tissottometti li l-ammont li gie likwidat bhala servigi ghandu jitnaqqas izda mhux l-ispejjez l-ohra elenkati u dan billi ssostni li l-ispejjez saru ghaliex il-konvenuti nnifishom riedu li jsiru u ghalhekk l-ispejjez tal-kawza zdiedu ghaliex kienu l-istess konvenuti li baqghu jikkontestaw b'mod l-aktar intensiv u rigoruz il-kawza.

Il-Qorti tqis li l-konvenuti fil-kawza stitwita ghall-hlas ta' servigi kellhom kull dritt li jikkontestaw il-kawza bhalma kienet ghamlet l-omm qabilhom. Inoltre' hekk kif irrizulta, l-atturi odjerni f'dik il-kawza kienu qeghdin jitolbu ferm aktar minn dak li effettivament gie likwidat u ghaldaqstant filwaqt li rrizulta li l-atturi kienu rrendew servigi lil Helen Attard dawn ma kienux tali li jiggustifikaw l-ammont pretiz minnhom.

Tqis li invista tal-fatt li dawn l-ispejjez tal-kawza huma ntrinsikament konnessi mal-hlas ta' servigi, tali ghandhom jitqiesu bhala djun tal-eredita' tal-mejta. Madankollu billi ma giex spjegat x'jirraprezenta l-ammont ta' €531.04, din il-Qorti ma tistax tivverifika jekk dak indikat hux minnu. Ghaldaqstant huwa l-ammont ta' €24,728.31 li ghandu jitnaqqas.

Ghalhekk l-bilanc li jrid jittiehed in kunsiderazzjoni huwa ta' **€71,870.84.**

**Djun**

Illi l-konvenuti rapprezentati minn Dr Georgine Schembri isostnu li hemm diversi djun li jaggravaw lill-eredita' u ghaldaqstant ghandhom jigu mnaqqsa mill-assi ereditarji ta' Helen Attard sabiex imbaghad tkun tista' tigi komputata il-porzjon rizervata. Dawn jippretendu li huma s-segwenti:

i) hlas ta' €31.45 lil Carmela Buhagiar rapprezentanti hlas ta' kera ta' l-immobbli kien casa bottega ghall-perjodu minn Novembru 2007 sa Novembru 2008[28]; kif ukoll hlasijiet tal-kera dovut minn Novembru 2008 sa Novembru 2014 ammontanti ghal €935.53;

[28] Dok SS.

ii) €291.15 rigwardanti l-licenzja ezistenti fuq l-immobbli datat 4 ta' Ottubru 2012[29];

iii) €54.37 rapprezentanti arretrati fuq kont intestat lil Helen Attard[30];

iv) €1,401.40 rapprezentanti hlas ta' dawl u ilma rigwardanti l-post 1, Triq it-Tigrija, Xaghra[31]. Huma jsostnu li in vista tal-kawza li kien hemm bejn sid il-kera u Helen Attard dwar ripreza tal-fond kif ukoll tal-kawza pendenti bejn l-attrici u Helen Attard dwar allegat spoll kien impossibbli ghalihom li jaqtghu s-servizz tad-dawl u ilma.

Illi hekk kif issottomettiet tajjeb l-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri taghha, din il-Qorti trid taghmel distinzjoni bejn djun li l-kawza taghhom kienet tirrisali ghall-epoka ta' meta kienet ghadha hajja Helen Attard u dawk li saru wara l-mewt taghha mill-eredi taghha.

Helen Attard mietet fil-15 ta' Frar 2008. Ad eccezzjoni tal-hlas tal-kera ta' l-immobbli ta' €31.45 din il-Qorti ma tqisx li l-ammonti l-ohra ghandhom jitnaqqsu bhala dejn tal-eredita' ta' Helen Attard. Inkwantu ghas-sottomissjoni rigwardanti l-kont tad-dawl u ilma ma ngabet l-ebda prova dwarha bhal per ezempju rapprezentant tal-Korporazzjonijiet rispettivi. Inoltre' kif issottomettiet ben tajjeb l-attrici kienet ghazla tal-eredi li baqghu fil-pussess tal-fond mikri lilhom ghaliex dan seta' gie rilaxxjat okkorrendo anki billi jigu depozitati c-cwievet tal-fond fir-registru tal-Qorti.

Illi fl-inventarju anness tnizzel ukoll passiv iehor li l-attrici ma tikkontestax ossija l-ammonti ta' €24.93, €8.78, €466.76 u €34.90 b'total ta' €535.37 li ghandu jitnaqqas mill-eredita' ta' Helen Attard.

**Assi ohrajn**

- Illi kien hemm ukoll *safe deposit box* fl-HSBC Bank Malta plc li nfethet u li rrizulta li kien fiha xi deheb. Mill-istima li twettqet irrizulta li dan jiswa €2,706.

- Cedola ta' depozitu Nru 362/2009[32] - €4,347.

- Cedola ta' depozitu Nru 73/2010[33] - €1,174.80.

---

[29] Dok SS1
[30] Dok SS2 u SS3
[31] Dok SS4
[32] Dok S2 a fol 521 tal-process
[33] Dok S3 a fol 522 tal-process

- Helen Attard kellha wkoll 1/7 indiviz fuq investimenti mill-wirt ta' Dun Guzepp Zammit[34] - €9,917.

- 1/7 fuq flus mill-wirt ta' Michele u Fortunata konjugi Zammit[35] - €988.30

Illi l-attrici tissottometti wkoll li ghandhom ukoll ikunu inkluzi fl-assi ta' l-omm l-ammonti ta' Lm29,000 u ammont iehor ta' Lm80,000.

Illi l-ammont ta' Lm29,000 ekwivalenti ghal €67,570 rapprezentanti l-flus imsemmija fl-iskrittura tal-11 ta' Gunju 2005[36] fejn gie dikjarat li Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg kienu qeghdin jirrestitwixxu lil ommhom din is-somma li kienet f'idejhom. Dan l-istess ammont jissemma' ukoll fit-testment sigriet ta' l-omm fejn rega' gie ribadit li dawn gew ritornati. Il-konvenuti jsostnu li ommhom setghet nefqet dawn il-flus jew uzathom ghal xi haga jew sempliciment ddepozitathom mal-flus taghha fil-bank. In-Nutar Dr Kristen Dimech[37] xehed li huwa ra l-flus ighaddu quddiemu. Dan gie wkoll ikkonfermat mix-xhieda fuq dik l-iskrittura, Dr Anton Refalo u l-Arcipriet Dun Karm Refalo. In kontro-ezami Michael Attard[38] jixhed li safejn jaf huwa, ommu ma kellhiex djun u lanqas kellha l-vizzju tal-loghob.

Illi l-attrici u l-konvenuti Joseph Attard u MaryRose Sultana residenti fl-esteru jsostnu li m'hemmx spjegazzjoni ta' x'saret mis-somma ta' Lm80,000 ekwivalenti ghal €186,400.

Minn ezami tad-dokumenti processwali senjatament l-istatements bankarji ezebiti fl-atti abbinati mal-kuntratti li gew ezebiti jirrizulta s-segwenti:

- Fis-27 ta' Frar 2003 inbiegh appartament ta' Helen Attard. Fuq dan il-kuntratt dehru Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg ghan-nom ta' ommhom in forza tal-prokura moghtija lilhom. L-appartament inbiegh ghal Lm16,000 ekwivalenti ghal €37,270.

- Fit-13 ta' Ottubru 2003 in atti Nutar Dottor Enzo Dimech, Helen Attard bieghet 1/8 sehem mill-proprjetajiet indikati fl-istess kuntratt. Ghal darb'ohra dehru Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg ghan-nom ta' ommhom in forza tal-prokura moghtija lilhom.

[34] Dok PG1 a fol 629 tal-process
[35] Dok PG1 a fol 629 tal-process
[36] Dok I
[37] Seduta tat-23 ta' Gunju 2009
[38] Seduta tat-13 ta' Ottubru 2009

Il-prezz globali kien ta' Lm7,829.29 u Lm2,627.55 ekwivalenti ghal €18,237 u €6,120 rispettivament.

- Fis-6 ta' Novembru 2003 in atti Nutar Dottor Paul George Pisani gie ppubblikat kuntratt ta' bejgh li permezz tieghu Helen Attard bieghet garaxx ghall-prezz ta' Lm4,000 ekwivalenti ghal €9,318. Ghall-pubblikazzjoni ta' dan il-kuntratt dehru Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg ghan-nom ta' ommhom in forza tal-prokura moghtija lilhom.

- Jirrizulta li wiehed mill-ahwa, Victor Attard (residenti fl-esteru) iddepozita f'kont bankarju intestat lil Helen Attard fl-20 ta' Mejju 2005 is-somma ta' Lm16,362 ekwivalenti ghal €38,113.

- Fis-27 ta' Gunju 2005 jirrizulta li Helen Attard gibdet is-somma ta' LM16,000 ekwivalenti ghal €37,270

- Gie ppubblikat kuntratt iehor ta' bejgh f'Novembru 2007 li permezz tieghu inbieghet art maghrufa 'Tal-Hobza' ghall-prezz ta' LM52,450 ekwivalenti ghal €122,175. Minn dan l-ammont €93,175 gie depozitat f'kont bankarju. L-ammont ta' LM12,450 ekwivalenti ghal €29,000 ingibdu minn kont bankarju ta' Helen Attard mill-istess Helen Attard u dan fit-23 ta' Novembru 2007.

Illi jekk niehdu t-total kollu ta' l-ammonti li gew f'idejn Helen Attard prattikament fi zmien hames snin qabel mewta jirrizulta li dan kien xejn anqas minn €286,624.50. Minn dan l-ammont jirrizulta li €93,175 jinsabu depozitati f'kont bankarju, id-differenza ossija €193,449.50 ma jirrizultaw imkien – la f'kontijiet bankarji, la inxtrat per ezempju xi proprjeta' bihom jew li kien hemm xi raguni ghalfejn kellhom jigu wzati. Hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq mara anzjana li ftit kienet tohrog mid-dar u li ma kellhiex xi vizzji li fihom setghet tonfoq dawn il-flus. Irrziulta li hija kienet tghin biex nies barra minn Malta jsiru sacerdoti izda huwa fatt maghruf li ma jinvolvux dawn l-ammonti. Dan apparti li Helen Attard kellha l-pensjoni taghha wkoll bhala introjtu.

Illi Michael Attard u Mary Carmen Buttigieg matul dawn il-proceduri enfasizzaw hafna li huma kienu l-amministraturi tal-beni ta' ommhom u li tghidx kemm habirku ghaliha. Madankollu ma taw l-ebda spjegazzjoni ta' x'gara minn dawn il-flejjes kollha. Huwa ferm inverosimili li jinghad li l-omm nefqet dawn il-flus kollha. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-ammont ta' €190,000 ghandu jitqies li jifforma parti mill-assi ta' Helen Attard. L-ammont ta' €3,449.50 tnaqqas *arbitrio boni viri* stante li ittiehed kont tal-fatt li l-omm kienet thallas sabiex persuni jsiru sacerdoti barra minn xtutna.

Ghalhekk is-sehem rizervat dovut lill-attrici huwa 1/18 mill-ammont ta' €583,675.26 li tammonta ghal €32,426.

Illi inkwantu ghall-kjamati fil-kawza Attard u Buttigieg din il-Qorti tqis li huma legittimi kontraditturi inkwanti ghall-hames talba attrici u ghaldaqstant tichad l-eccezzjoni taghhom li tressqet f'dan ir-rigward.

Illi dwar l-ispejjez tal-kawza, inkwantu ghall-eredita' tal-missier dawn ghandhom jigu sopportati wgwalment mill-eredi tal-istess. Inkwantu ghall-ispejjez relatati mat-talbiet attrici dawn ghandhom jigu sopportati mill-eredi ta' Helen Attard u dan billi l-legittimarju m'ghandux ibati spejjez. L-ispejjez relatati mal-kjamati fil-kawza Buttigieg u Attard ghandhom jigu sopportati minnhom stess. Kwantu ghall-ispejjez relatati mal-kjamati fil-kawza l-ohrajn li baqghu kontumaci ghandhom jigu sopportati mill-eredi ta' Helen Attard.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tiddisponi mit-talbiet attrici bil-mod kif gej:

1. Tistabilixxi u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Victor Emmanuel u Helen Attard billi jigi dikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli indikati aktar 'il fuq f'din is-sentenza raba' Ta' Sliema fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex u l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

2. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Victor Emmanuel Attard billi tiddikjara li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidat.

3. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni ta' nofs sehem indiviz tar- raba' Ta' Sliema fil-limiti ta' San Lawrenz, Ghawdex u l-valur tal-proprjeta' huwa ta' sitt mija u tnax-il lira u hamsin centezmu (€612.50) u li r-rikavat ghandu jinqasam ugwalment bejn l-eredi ta' Victor Emmanuel Attard u tordna wkoll li l-ammont ta' elf mija erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu ghandu jinqasam ugwalment bejn id-disa' eredi.

4. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Helen armla ta' Victor Emmanuel Attard billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti u f'dawk l-assi parafernali l-ohrajn, mobbli u mmobbli, li gew elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

5. Tilqa' l-hames talba attrici.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt talba attrici.

7. Konsegwentement tillikwida l-legittima dovuta lill-attrici mill-assi ereditarju tal-imsemmija Helen Attard fl-ammont ta' tnejn u tletin elf erba' mija u sitta u ghoxrin Euro (€32,426)

8. Tordna l-assenjazzjoni tal-imsemmija legittima lill-attrici fl-ammont hekk likwidat li ghandu jithallas mill-eredi ta' Helen Attard bl-imghax legali mid-data tal-ftuh tas-successjoni.

9. Tichad l-ghaxar talba attrici.

L-ispejjez inkwantu ghall-eredita' tal-missier ghandhom jigu sopportati ugwalment mill-eredi tal-istess inkluz dawk tal-bejgh b'licitazzjoni. Inkwantu ghall-ispejjez relatati mat-talbiet attrici l-ohra dawn ghandhom jigu sopportati mill-eredi ta' Helen Attard u dan billi l-legittimarju m'ghandux ibati spejjez. L-ispejjez relatati mal-kjamati fil-kawza Buttigieg u Attard ghandhom jigu sopportati minnhom stess. Kwantu ghall-ispejjez relatati mal-kjamati fil-kawza l-ohrajn li baqghu kontumaci ghandhom jigu sopportati mill-eredi ta' Helen Attard. L-ispejjez tal-kuratur deputat jithallsu skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------